Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Talba Numru. 233/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Matteo Paolo Condorelli ID- 223299M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €364.21c (tlett mija erbgha u sittin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut in konnessjoni ma servizzi rezi fuq Client contract number 196 ghax-xhur bejn is-sena 2007 u 2009;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 31 ta' Ottubru 2009 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament notifikat, b'dawn il-proceduri, huwa baqa ma deherx u ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjah biex jidher ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2010 huwa naqas li jaghmel dan;

Ra li wkoll li l-konvenut baqa ma wegibx u anqas ma deher ghal mistoqsijiet impoggija lilu in subizzjoni la fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2010 meta gie prezentat il-kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta tallum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenut.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta' €364.21c (tlett mija erbgha u sittin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------